MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1138/1995/2

**Francis Paul Ebejer u Stephen Fava ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Fogg Limited u dina in rappresentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance Plc**
**vs**
**Vincent Bonello**

Il-Qorti
Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-Illi l-konvenut Vincent Bonello kien qieghed isuq il-vettura ta' Emanuel Tabone numru A-7581 assigurata mal-atturi nomine liema assigurazzjoni kienet tkopri biss drivers li jeccedu l-hamsa u ghoxrin sena ai termini tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni, u habat biha fil-vettura ta' Marika Delia;

Illi meta l-konvenut ircieva c-citazzjoni, huwa ikkontesta l-istess kawza pero il-Qorti sabitu hati tal-istess kollizzjoni u ikkundannatu ihallas Lm758.50 oltre l-ispejjez legali u l-attur nomine abbazi tal-ligi – Kapitolu 104 tal-ligijiet ta' Malta – kien obbligat li jaghmel tajjeb ghall-istess danni u spejjes legali, kif fil-fatt ghamel;
Illi l-usu tal-istess vettura da parte ta' Vincent Bonello, il-konvenut, imur kontra il-kondizzjonijiet tal-istess polza ta' assigurazzjoni u ghalhekk l-agir tieghu ikkawza danni lill-atturi nomine li ghalihom huwa responsabbli;
Illi l-konvenut interpellat sabiex jindennizza lill-atturi, anke permezz ta' ittra ufficcjali, baqa' inadempjenti u anzi qieghed jippretendi li ma ghandu jaghti xejn lill-istess atturi nomine;Ghalhekk l-atturi nomine talbu li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex (1) tiddikkjara li il-konvenut ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni meta kien qieghed isuq il-vettura li kien qed isuq u meta habat biha fil-vettura ta' Marika Delia u dan stante li l-istess assigurazzjoni kienet tkopri biss sewwieqa li ikunu akbar minn hamsa u ghoxrin sena u kwindi ghalhekk li kien in kontravvenzjoni tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni u konsegwentement huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi nomine u dan stante li gew vjolati il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni (2) u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur nomine is-somma fuq indikata ta' Lm758.50 bhala sorte u Lm199.93 bhala spejjes legali inkorsi f'din il-kawza, b'kollox is-somma ta' Lm958.43 (disa' mija tmienja u hamsin lira tlieta u erbghin centzmu maltin) – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u bl-ispejjes komprizi dawk ta' ittra ufficcjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni tieghu;
Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitam,ent konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatti billi l-atturi nomine ma humiex obbligati jhallsu lit-Third Party Marika Delia u illi l-atturi nomine kienu assikuraw lill-policy holder Emanuel Tabone li darba li hu jhallas l-'excess ta'

Lm75 ikun kollox sew u jiehdu hsieb jissodisfaw lit-Third Party f'kaz li dan ikollu ragun fil-kollizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-attur Francis Paul Ebejer;

Semghet lill-konvenut u x-xhieda minnu prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut;

Rat in-nota responsiva tal-atturi nomine;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippremetti li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni A-7581, proprjeta' tal-assigurat taghha Emanuel Tabone u liema assigurazzjoni kienet tkopri biss sewwieqa li ghandhom izjed minn hamsa u ghoxrin (25) sena, u kien involut f'incident stradali ma vettura misjuqa minn certa Marika Delia. Is-socjeta attrici tippremetti ukoll li l-konvenut gie misjub responsabbli tal-imsemmija kollizzjoni u gie kundannat ihallas Lm758.50 oltre l-ispejjez legali. Is-socjeta attrici tippretendi li abbazi tal-provedimenti tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta hi kienet obbligata tghamel tajjeb ghall-istess danni u spejjes legali u kif fil-fatt ghamlet. Skond is-socjeta attrici meta l-konvenut ghamel usu mill-imsemmija vettura huwa mar kontra il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni u ghalhekk l-agir tieghu ikkawza danni lis-socjeta attrici li ghalihom huwa responsabbli l-istess konvenut;

Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li jigi dikjarat li l-konvenut ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni meta habat fil-vettura ta' Marika Delia u dan stante li l-istess assigurazzjoni kienet tkopri biss sewwieqa li ikunu akbar

minn hamsa u ghoxrin sena u kwindi l-konvenut kien in kontravvenzjoni tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni u konsegwentement il-konvenut hu responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici u dan stante li gew vjolati il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni. Is-socjeta attrici qed titlob ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas is-somma Lm758.50 bhala sorte u Lm199.93 bhala spejjes legali inkorsi fl-imsemmija kawza, b'kollox is-somma ta' Lm958.43 (disa' mija tmienja u hamsin lira tlieta u erbghin centzmu maltin) u dana ghar-ragunjiet indikati fic-citazzjoni;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li s-socjeta attrici ma kinitx obbligata thallas lill-imsemmija terza persuna, Marika Delia, u inoltre s-socjeta attrici kienet assikurat lill-assikurat taghha Emanuel Tabone li la darba hu jhallas l-'excess' ta' Lm75 ikun kollox sew u s-socjeta attrici tiehu hsieb tissodisfa lit-third party f'kaz li dan ikollu ragun fil-kollizzjoni;

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta attrici assikuratrici kienet hallset lill-Marika Delia, li kienet involuta fil-kollizzjoni in kwestjoni, s-somma indikata fic-citazzjoni u dana ghad-danni kollha li l-istess Delia kienet sofriet bhala kawza tal-istess kollizzjoni. Dan il-hlas sar wara li giet deciza l-kawza li ghamlet l-istess Delia kontra l-konvenut. In effett jirrizulta ukoll li s-socjeta attrici hallset l-ispejjez relattivi ghall-istess kawza;

Jirrizulta ukoll li l-assigurat tas-socjeta attrici kien Emanuel Tabone cioe' sid il-vettura li kien qed isuq il-konvenut meta sehh l-incident stradali in kwestjoni. Jirrizulta ukoll li l-polza in kwestjoni kienet tkopri biss sewwieqa li kellhom 25 sena jew aktar. Il-konvenut, li kien qed isuq il-vettura tal-assigurat tas-socjeta attrici fiz-zmien li sehh l-incident stradali in kwestjoni, ma kienx ghadu ghalaqhom il-25 sena. B'hekk jirrizulta li l-konvenut ma kienx kopert bil-polza tal-assikurazzjoni meta sehh l-istess incident;

L-imsemmi Emanuel Tabone u l-konvenut, it-tnejn ikkonfermaw li l-konvenut, f'isem Tabone hallas il-Lm75 bhala excess. It-tnejn jjikkonfermaw ukoll li ufficjal tal-

istess socjeta attrici kien qalilhom li peress li l-excess kien thallas allura l-istess socjeta attrici kienet ser thallas id-danni kollha relattivi. Din ic-cirkostanza, pero', zgur li ma tirrizultax sufficjentement pruvata. F'dan ir-rigward il-konvenut naqas li jipproduci provi estranei u naqas li jipproduci lill-impjegati tas-socjeta attrici li kienu tawh l-imsemmija assigurazzjoni;

Il-konvenut iddikjara li huwa mill-ewwel assuma r-responsabilita' ghall-kollizzjoni in kwestjoni;

Il-konvenut, fin-nota ta' oservazzjonijiet tieghu, jissottometti li hu pacifiku li l-polza in kwestjoni ma kinitx tkoprih meta huwa kien qed isuq il-vettura tal-assigurat tas-socjeta attrici meta sehh l-incident in kwestjoni. Il-konvenut jirrreferi ghall-premessa tas-socjeta attrici assikuratrici li tghid li l-istess socjeta attrici hallset lit-terzi peress li kienet obbligata thallas skond il-provedimenti tal-Kap.104. F'dan ir-rigward il-konvenut isostni li s-socjeta' attrici hallset dak li ma kinitx tenuta thallas. Skond il-konvenut l-imsemmija provedimenti tal-Kap.104 jiddistingwu bejn danni personali u danni ohra. Dejjem skond il-konvenut fejn hemm id-danni personali kull vettura trid tkun assikurata u dan billi s-sewwieq ikun regolarment assikurat jew billi l-ahhar socjeta assikuratrici tal-vettura tkun responsabbli jew billi jaghmel tajjeb il-Fond appositament ikkreat bl-istess provedimenti tal-Kapitolu 104. Skond il-konvenut fejn ma hemmx danni personali ma hemmx assigurazzzjoni jekk minn ikkawza id-dannu mhux assikurat. Il-konvenut ikompli jissottometti li l-provedimenti in kwetjoni, fejn ma hemmx danni personali, jirrikonoxxu d-dritt li assikuratur jillimita l-kopertura ghal individwi partikolari jew li jeskludi individwi partikulari bhalma ghamlet il-kumpanija attrici meta ekludiet sewwieqa ta' taht il-25 sena;

Minn esami tal-provedimenti tal-Kapitolu 104 minn imkien ma jirrizulta li l-ligi tghamel distinzjoni bejn danni personali u danni ohra. In effett il-Kapitolu 104 hu intitolat "Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni" u cioe' "ligi biex tipprovdi kontra r-riskji ta' terzi persuni minhabba l-uzu ta vetturi bil-

mutur.” Fl-istess Kapitolu “parti offiza” tfisser “kull min ikollu jedd ghal kumpens dwar telf jew feriment kagunat minn vettura bil-mutur.” Ghalhekk dawn il-provedimenti jirreferu ghal kull tip ta’ dannu, cioe’ personali jew le. Inoltre varji artikoli jirreferu ghal “kull telf jew feriment” jew ghal “kumpens dwar kull telf jew feriment” (ara artikolu 4 u artikolu 9A). Ma hemmx dubju ghalhekk li l-provedimenti tal-Kapitolu in kwestjoni ma jghamlux distinzjoni bejn danni personli u danni ohra;

L-artikolu 10 tal-istess Kapitolu appuntu jireferu ghac-cirkostanzi li huma prvalenti fil-kaz in esami. Dan l-artikolu jipprovdi li assiguratur, li ikun jista’ jannulla jew ihassar il-polza, ghandu dejjem ihallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat sentenza kull somma ta’ flus li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dik l-istess sentenza. Dan l-istess artikolu jipprovdi kif l-istess assiguratur jista jehles minn din ir-responsabilita’. Fil-kaz in esami pero’ s-socjeta attrici ma ghamlet xejn f’dan ir-rigward;

Ghalhekk jirrizulta li s-socjeta attrici, la darba giet notifikata b’ittra ufficjali in konnessjoni mal-proceduri li t-terz inizja kontra l-konvenut, kienet obbligata thallas lill-istess terz l-ammonti kollha li gew likwidati u ghalhekk issa tista ddur fuq minn effettivament ikkawza d-dannu u titolbu l-hlas tal-ammonti li hi hallset lit-terzi bhala konsegwenza tal-kollizzjoni in kwestjoni;

Fid-dawl ta’ dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvnut ghndhom jigu rigettati filwaqt li t-talbiet kollha attrici ghandhom jigu akkolti stante li l-istess talbiet jirrizultaw sufficjentement pruvati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u fit-tieni lok billi tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddikkjara li il-konvenut ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni meta kien qieghed isuq il-vettura li kien qed isuq u meta habat biha fil-vettura ta’ Marika Delia u dan stante li l-istess assigurazzjoni kienet tkopri biss sewwieqa li ikunu akbar minn hamsa u ghoxrin sena u

kwindi ghalhekk li kien in kontravvenzjoni tal-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni u konsegwentement huwa responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta attrici u dan stante li gew vjolati il-kondizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' disa' mija tmienja u hamsin lira tlieta u erbghin centzmu maltin (Lm958.43) in linea ta' danni kif indikat fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni lill-konvenut; Spejjes kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------